MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 157/1997/1

**Antoinette Martin**

**v.**

**Tabib Naged Megally**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet li l-konvenut kien immalafama, taht l-Att dwar

l-Istampa, lill-attrici; dik il-Qorti llikwidat id-danni fis-somma ta’ mija u hamsin lira (Lm150), u kkundannat lill-konvenut ihallas dik is-somma lill-attrici, bl-ispejjez. Jigi pprecizat li dana l-appell kien appuntat ghas-smigh quddiem din il-Qorti ghat-28 ta’ Frar 2006, izda minhabba diffikulta` biex tigi notifikata l-attrici appellata bl-avviz tas-smigh, kien biss fl-udjenza tas-17 ta’ Ottubru 2006 li l-appell seta’ jigi trattat. Effettivament f’din l-udjenza deher biss id-difensur ta’ l-appellant Naged Megally li rrimetta ruhu ghall-atti. L-appellata u d-difensur taghha baqghu ma dehrux.

**2.** Ghall-ahjar istruzzjoni tal-gudikat odjern, qed tigi hawn riprodotta fl-intier taghha s-sentenza appellata, u dan peress li minnha johrog car x’kien qed jigi premess u allegat fic-citazzjoni attrici, x’kienu l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi kif effettivament iddecidiet:

“Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fit-18 ta’ Settembru, 1996, il-konvenut kiteb u xandar ittra “To the Press” (Dok A) billi baghat l-istess kitba stampata tieghu lil diversi mezzi tax-xandir lokali, inkluzi stazzjonijiet tat-televizjoni u tar-radju u gurnali ta’ kulljum lokali ;

“Premess illi l-allegazzjonijiet kontenuti ta’ [recte: fil] l-istess kitba fuq imsemmija huma foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attrici u ghandhom bhal skop li joffendu l-unur u l-fama taghha u li jesponuha ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku u jtellfilha r-reputazzjoni taghha ;

“Premess illi l-attrici bhala l-parti offesa ghandha d-dritt ghad-danni kontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’Malta) ;

“Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tiddikjara illi l-konvenut ta’ malafama lill-attrici, offenda l-unur u l-fama taghha, esponiha ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku u tellfilha r-reputazzjoni taghha bl-

ittra stampata u mxandra hawn fuq imsemmija, kif inghad ;

2. tillikwida d-danni sofferti fl-ammont li ma jeccedix is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) skond l-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta ;

3. Tikkundannah ihallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni kif inghad.

“Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju tal-20 ta' Settembru, 1996. U b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici ai termini ta' l-istess Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

“Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 11 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fic-cirkostanzi m'hemmx lok li tittiehed azzjoni kontra l-eccipjent peress li hija inattendibbli taht il-Ligi ta' l-Istampa, Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost trid issir il-prova li l-kliem li qedghda tilmenta minnhom l-attrici gew in effetti mxandra ;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, fil-mertu l-eccipjent qal fatti li jirrigwardaw ufficjal pubbliku u liema fatti kienu biss “a fair comment” ta' dak li qieghed jigri fl-isptar u li kienu ovvjament jirrigwardaw lill-attrici u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Rat in-noti tal-partijiet;

“L-attrici hassitha ngurjata b’ittra (Dok 5 u 6) li l-konvenut kien kiteb u li hu baghat lill-istampa u l-mezzi tax-xandir. Fiha l-konvenut allega li l-attrici kontinwament qed theddu; li qed tikkawza ngustizzja fil-konfront tieghu fosthom li kienet responsabbli li hu nghata transfer ghal Ghawdex; u li hija ghandha s-sahha ta’ Membri Parlamentari warajha biex taghmel li trid.

“Il-konvenut eccepixxa l-‘fair comment’ u li l-azzjoni attrici hija inattendibbili taht il-ligi ta’ l-istampa.

“Il-konvenut issottometta li hu legalment zbaljat l-argument ta’ l-attrici li hu xandar l-ittra in kwistjoni. Hu ighid li dina l-ittra ma tikkonfigurax taht id-definizzjoni tal-Ligi ta l-istampa, fit-tieni artikolu tal-Kap 248 u specifikatament taht id-definizzjonijiet ta’ ‘xandir’ u ‘ stampat’. Ghalkemm dana jista’ jkun, pero fid-definizzjoni tal kelma ‘pubblikazzjoni’ hemm provvdut li dan ifisser <u>kull att</u> li bih kull stampat jigi jew jista’ jigi komunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra.

“Il-konvenut issottometta wkoll li l-ittra in kwistjoni ma ntbaghtet lil hadd izda kien gurnalist stess li hadha u mbaghad sar ir-rapport dwar il-protesta tal-konvenut fil-gurnali. Kienu l-gurnalisti li wara ghaddew din l-ittra bejniethom. Hu kien ghaddilhom biss biex jirriproducu dak li kien qed jghid biss.

“Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien ghamel protesta pubblika quddiem id-Dipartiment tas-Sahha u mill-istess intestatura ta’ l-ittra TO THE PRESS tidher x’kienet l-intenzjoni tal-konvenut, cjoe li dak li ghamel u dak li ried jghid kien intiz ghall istampa u biex jigi mxandar minnha u fil-fatt gie mxandar fil-gazzetti (ara kopji ezibiti fol 23 u 47).

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-azzjoni attrici hija attendibbili taht il-ligi ta’ l-istampa.

“Kwantu ghall mertu tal-libell, il-konvenut gab id-difiza ta’ *fair comment.*

“Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa **il-bilanc** li jrid jinzamm bejn “il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi” **(“Vincent Borg vs Victor Camilleri et.”** - A.C. 15 ta’ Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372).

“Ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-‘*fair comment’*, “jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-‘*justification’*, u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista’ jkun hemm ‘*fair comment’* (**“Anglu Camilleri vs Anthony Zammit”** Vol.XI.IV.1195; **“Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit”** JSP. Citazz. Nru. 929/90/JSP - 3 ta’ Ottubru 1991).

“L-attrici qed toggezzjona ghas-segwenti allegazzjonijiet imsemmija fl-ittra Dok A (ara dikjarazzjoni taghha para 2):

- li l-attrici kontinwament qed theddu;
- li qed tikkawza ingustizzja fil-konfront tieghu fosthom li kienet responsabbli li hu nghata transfer ghal Ghawdex;
- li hija ghandha s-sahha ta’ Membri Parlamentari warajha biex taghmel li trid.

“Illi l-attrici kategorikament cahdet dawn l-allegazzjonijiet.

“Mill-provi prodotti jirrizulta s-segwenti:

“Dwar l-allegati theddid imsemmija fl-ittra, l-ebda xhud li gie prodott mill-konvenut ma semma li sar xi theddid kontra l-konvenut fil-presenza tieghu mill-attrici (ara per ezempju xhieda Dr. J. Micallef p. 199).

“Kwantu ghall allegazzjoni li l-attrici kienet responsabbili ghat-transfer tal-konvenut ghall Ghawdex, Dr. J. Cachia, l-

Profs M. Brincat u Saviour Lautier  xehdu li dana ma kienx kaz ta’ transfer imma l-konvenut kien imissu skond ir-*rotation*.  Inoltre huma xehdu li l-attrici ma setghetx taghmel rakkomandazzjonijiet f’dana s-sens u lanqas taghti *reference* fuq il-*performance* tal-konvenut - fol 187.

“Kwantu ghall allegazzjoni li l-attrici kienet taghmel li trid ghax kellha warajha membru parlamentari, il-Profs Brincat xehed x’kienet ir-relazzjoni ta’ l-attrici ma l-Onor. Mario Galea (u d-diceriji li kienu ghaddejin). Dr. J. Cachia spjega x’kienu l-*complaints* (*Pagers - Discharge letters* u *nursing allocation*) li saru fil-konfront ta’ l-attrici mid-diversi tobba (ara fol. 215A) u qal li l-manager ta’ l-attrici kien taha spjegazzjoni sodisfacenti u ma kienux ittiehdu passi ulterjuri (fol. 56).

“Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu.

“Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici;

“Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li n-natura ta’ dana l-kaz jimmerita mitigazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni. Ghalhekk tillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm150 u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess lill attrici.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

**<u>L-appell tal-konvenut</u>**

**3.** Minn din is-sentenza appella l-konvenut Megally. Huwa ghandu bazikament zewg aggravji. L-ewwel wiehed huwa fis-sens li d-dokument li minnu jew dwaru qed tilmenta l-attrici, cioe` l-ittra tat-18 ta’ Settembru 1996, li kopja taghha tinsab ezibita a fol. 5 u 6 tal-atti, ma hux kolpit bil-ligi ta’ l-istampa, cioe` bil-Kap. 248, u dan peress li dan la jinkwadra taht id-definizzjoni ta’ “stampat”, u anqas jista’ jinghad li kien hemm “xandir” kif definit fl-imsemmija ligi. L-appellant ikompli jghid f’dan il-kuntest hekk:

**"Illi l-esponent di piu` jissottometti illi fil-kawza odjerna l-appellata mhux qed tilmenta minn dak li deher fir-rappurtagg tal-Orizzont tad-19 ta' Settembru 1996. Mic-citazzjoni jidher car illi l-appellata kienet qed tattakka l-ittra *per se* u mhux dak li semmai seta' gie rappurtat minn xi gurnalist. Fil-fatt mill-ebda dokument ezebit ma jirrizulta illi l-ittra "To the Press" giet riprodotta kelma b'kelma hekk kif kienet miktuba mill-appellant. Li gara kien li xi gurnalist kien hadha, pero` imbaghad kulhadd zied u naqqas dak li ried."**

It-tieni aggravju hu fis-sens li dak li inkiteb kien jammonta ghal *fair comment*.

<u>**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**</u>

**4.** L-ittra, miktuba bl-idejn u intestata "To The Press", li ggib id-data tat-18 ta' Settembru 1996, u li jirrizulta li hija ffirmata mill-konvenut appellant, tghid hekk:

**"The following are the reason's for Dr Naged Megally's protest in front of the Department of Health on Wednesday, 18th September, 1996.**

**"Dr Naged Megally is staging a protest in front of the Department of Health on 18th September, 1996, against injustices he is facing from the Department of Health following repeated threats from Mrs Antoinette Martin, chief nurse of the Gynae Ward (Karen Grech Hospital), that, through Mario Galea M.P. she has the power to make him lose his job.**

**"Following these threats, together with a series of insults by Mrs Martin and several incidents aimed at hindering him in his work, Dr Megally reported everything to the hospital authorities and to the Department but no investigation or action were carried out.**

**"After this, last June, Dr Megally was precluded, by the Director of Human Resources, from choosing his**

**post for the July-September medical officer roster and was subsequently exiled to Gozo.**

**"Letters in protest of this injustice were ignored by the Department.**

**"Meanwhile, in the result of the interviews for the post of MOI (Medical Officer I) published a few days ago, Dr Megally was placed last in the list. He believes this is a careful step by the Department aiming to legalize the injustice already being committed as well as to destroy his future.**

**"It is known that Mrs Martin is immune to any disciplinary action. The following incidents prove this:**

**"a) She closed half the Gynae Ward last winter without permission. A parliamentary question about the closure resulted in a quarrel between Professor Edwin Grech and Dr Louis Galea. She made both look like liars;**

**"b) She falsely accused a senior doctor of committing an abortion in the hospital, thus damaging his name and that of the hospital;**

**"c) She does her best to cancel the Tuesday operation list, making patients extremely disappointed and dissatisfied with hospital service;**

**"d) In May '96 a group of junior doctors signed a common complaint about the trouble she was causing them in their work, but the complaint was completely ignored.**

**"Dr Megally is asking for a serious investigation, protection of the name of the hospital and restoration of his rights."**

**5.** Bhala fatt jirrizulta li l-konvenut appellant fil-jum tat-18 ta' Settembru 1996 ghamel protesta, flimkien ma' martu u

wliedu, quddiem id-Dipartiment tas-Sahha. Ghal din il-protesta huwa pprepara l-ittra imsemmija li, meta gew xi gurnalisti biex jirraportaw l-istess protesta, huwa qassam dik l-ittra bl-iskop, kif jghid hu stess, "biex il-*press* igibu dik biss u xejn aktar" (fol. 65). Meta l-appellant rega' xehed quddiem l-ewwel Qorti fis-27 ta' Mejju 2002 (fol. 227-8) huwa qal hekk: "Kienu gew 2 [zewg] gurnalisti, wiehed ta' l-Orizzont u l-iehor tan-Nazzjon, l-Orizzont ippublikaha l-ghada, u tan-Nazzjoni xi jumejn wara. Kont tajthom biss dokument wiehed, l-original. Kont iddettajt lill-mara dak li kellha tikteb fl-ittra. Meta ffirmajt l-ittra jien kont naf x'kien fiha." L-ghada, 19 ta' Dicembru 1996, il-gurnal l-Orizzont, f'artikolu li jibda fl-ewwel faccata u jkompli f'pagna sitta (ara d-dokument a fol. 47 tal-atti), irriproduca l-kontenut, ghall-anqas f'dik li hija s-sustanza, ta' l-imsemmija ittra jew dokument "To The Press". Huwa minnu li r-riproduzzjoni ma saret la bl-Ingliz u lanqas testwalment, i.e. mhux *in inverted commas*[1], hu huwa veru wkoll li l-gurnal zied xi affarijiet ohra ma dak li kien hemm fid-dokument; pero` jibqa' l-fatt li s-sustanza ta' l-allegazzjonijiet kontra l-attrici kontenuti f'dik l-ittra gew riprodotti fil-gurnal.

**6.** Kwantu ghall-ilment ta' l-appellant li l-ittra *per se* ma hijiex "stampat" ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' dik il-kelma kif wiehed isibha fl-Artikolu 2 tal-Kap. 248, galadarba dik l-ittra giet tradotta fi stampat u ppubblikata – kif kienet l-intenzjoni ta' min kitibha – wiehed ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta` taht l-Att dwar l-Istampa. Ir-raguni ghala l-imsemmija kitba hija kolpita b'din il-ligi ma hijiex dik moghtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – id-definizzjoni ta' "pubblikazzjoni" ma ticcentra xejn f'dan il-kaz – izda ghax l-Artikolu 23(a) tal-imsemmija ligi jipprovdi li kemm l-azzjoni kriminali kif ukoll l-azzjoni civili tista' tittiehed kontra, fost ohrajn, l-awtur tal-kitba jekk huwa jkun kitibha sabiex tigi ppublikata. Kieku kien mod iehor, ikun facli ghall-awtur ta' ittra, li eventwalment tigi pubblikata, testwalment jew mod iehor, li jezimi ruhu minn kull responsabbilta` billi flok ma jistampaha (i.e. jiktibha bil-*computer*, ghax illum m'ghadekx issib *typewriter*)

[1] Hlief ghal parti li tghid "Hija haga maghrufa li s-sinjura Martin ghandha l-immunita` minn kull azzjoni dixxiplinarja kontriha."

jiktibha *di proprio pugno* jew iqabbad lil haddiehor biex jiktibhielu *by hand*, kif ighid li ghamel l-appellant.

**7.** Kwantu ghall-mod kif inhi redatta c-citazzjoni, huwa minnu li din tista' tinftiehem li qed tilmenta mill-ittra *handwritten per se* u mhux mill-pubblikazzjoni taghha bhala stampat – ghalkemm din il-Qorti hija pjuttost propensa li tifhem il-kelma "xandar" fl-ewwel premessa tac-citazzjoni fis-sens ta' "ippubblika". Din l-inklinazzjoni tal-Qorti hija rafforzata proprju bit-tieni eccezzjoni tal-konvenut li tghid hekk: "Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost trid issir il-prova li l-kliem li qeghda tilmenta minnhom l-attrici gew in effetti mxandra". Huwa evidenti li hawn il-kliem "xandar" u "imxandra" qed jintuzaw mill-partijiet mhux fis-sens tekniku ta' "xandir" fid-definizzjoni li hemm fl-Artikolu 2, izda fis-sens ta' divulgazzjoni lill-pubbliku. Kif rajna, l-ittra giet effettivament divulgata lill-pubbliku, proprju kif ried l-appellant, meta l-kontenut taghha gie pubblikat fl-Orizzont (fost ohrajn). Ghalhekk dan l-ewwel ilment ta' l-appellant qed jigi respint.

**8.** It-tieni aggravju ta' l-appellant – u cioe` li hawn si tratta ta' *fair comment* – huwa wkoll infondat. Minn ezami tal-provi li hemm fil-process din il-Qorti hi sodisfatta li l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni gusta u korretta fir-rigward ta' din l-eccezzjoni. Huwa evidenti li, kif irrimarkat l-ewwel Qorti, *the sting of the libel* jikkonsisti fl-allegazzjonijiet li (i) l-attrici kontinwament qed thedded lill-konvenut, (ii) li dan it-theddid u diversi incidenti mahluqa minnha wasslu ghal ingustizzji fil-konfront tieghu inkluz li gie eziljat ghal Ghawdex, u (iii) li hija ghandha s-sahha ta' membri parlamentari b'mod li tista' taghmel li trid u ma tigix soggettata ghal proceduri dixxiplinarji. Dawn l-asserzjonijiet huma kollha malafamanti. Issa, kif inhu maghruf, meta tigi eccepita d-diza tal-*fair comment*,

**"The defendant must prove that the factual building blocks on which the comment is based are true, or substantially true."** [2]

---

[2] Price D. and Doudu Korieh ***Defamation – Law Practice and Procedure***, Sweet & Maxwell (London), 2004, p. 74, para. 9-04.

Il-konvenut dan ma pprovahx.

**Decide**

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu wkoll mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------